**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 523/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Graziella Muscat)

vs

**Rodney Caruana**

iben Raymond , imwieled Pieta', fil-21 ta' April, 1979, detentur tal-karta tal-identita' numru 212479(M)

Illum, 27 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Rodney Caruana quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f'Had Dingli u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer fis-sena 2005 :

**a) Bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq persuna taht l-eta' cioe` A,**

**b) Bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew**

**issekwestra lil xi persuna, cioe` lill-istess minuri A, kontra l-volonta' taghha, u dan biex toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha,**

**2. F'Had Dingli u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer fis-sena 2007 u fis-snin ta' qabel b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda**

**a) b'eghmil zieni, ikkorrompa lil persuna taht l-eta' cioe lil A.**

**b) Offenda l-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku.**

**3. Fix-xahar ta' Gunju 2009 u fix-xhur u snin ta' qabel, gewwa l-Msida u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda.**

**a) Gibed jew ippermetta li jingibed xi ritratt, video recording jew xbieha elettronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta', jew li pproduca, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegh, trasmetta jew wera xi ritratt, filmat, video recording jew xbieha elettronika indecenti bhal dawk.**
**b) Kiseb jew kellu fil-pussess tieghu xi ritratt, filmat, video recording jew xbieha elettronika indecenti ta' persuna ta' taht l-eta', anke ta' persuni li m' ghalqux l-eta' ta' disa' snin.**

**Il-Qorti giet mitluba illi f'kaz ta' htija titratta mal-imputat bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li kelli jissorvelja li ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi dan ir-reat.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-22 ta' Novembru, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tat-12 ta' Lulju 2010 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 31, 141, 203, 208A, 208A(1), 208A(1B) u 209 tal-Kodici Kriminali l-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet immarkati bhala 2(a) u (b) u 3(a) u (b) u kkundannatu sitt (6) snin prigunerija. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu minnhom.

Il-Qorti wara li rat il-Kap. 518 tal-Ligijiet ta' Malta ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u

ghal dan il-ghan tordna li kopja ta' din is-sentenza giet komunikata lill-imsemmi Registratur.

Il-Qorti inoltre ordnat l-konfiska u d-distruzzjoni tal-materjal pornografiku esebit in atti.

Rat ir-rikors tal-appellanti Rodney Caruana minnu pprezentat fit-2 ta' Dicembru, 2013 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha 'in kwantu l-appellant gie lliberat minn l-ewwel akkuza u thassarha u tirrevoka billi tilliberah mill-akkuzi l-ohra u tapplika piena anqas harxa fic-cirkostanzi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> 1] Illi dan ir-rikors tal-appell mhux ser jattakka s-sejbien ta' htija tat-tielet akkuza. Illi pero s-sejbien ta' htija tat-tieni akkuza huwa ferm kkontestat u dan ghal diversi ragunijiet fosthom izda mhux biss is-segwenti. Illi bid-dovut rispett huwa minnu li l-Qorti fi stadju ta' appell mhux desiderabbli legalment li toqghod tissindika kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt, izda meta dan ikun sar b'mod skorrett minn l-Ewwel Qorti u tkun inghatat piena ta' habs allura wiehed irid jimxi b'certu kawtela u prudenza b'mod li l-Qorti tal-Appell tigi imbaghad obbligata li tissindika ezattament x'ghamlet l-Ewwel Qorti;
>
> Illi f'dina l-kawza kien ovvju li x-xhud A kienet qed tigdeb. Ibda biex huwa minnu li dina kienet 'traced' mill-pulizija u mhux irrapportat hija, izda dak ma' jxejjen xejn mill-fatt li dina il-persuna kienet ikkonfoffat mal-partner ta' dak iz-zmien tal-appellanti B u t-tnejn li huma ghar-ragunijiet differenti kellhom rabbja kbira fil- konfront tal-appellanti. Illi l-Ewwel Qorti kien evidenti li kienet rinfaccjata b'dilemma dwar lil min kellha temmen, tant li parti kbira mis-sentenza tinkludi gurisprudenza fuq l-issue tal-kredibilita`. Illi pero aktar milli jigu kwutati sentenzi maghrufa dwar x'qalet il-Qorti taghna dwar l-kwistjoni ta' kredibilita, l-Ewwel Qorti, hekk kif sa bet ruhha f'dina s-sitwazzjoni, rinfaccjata b'dubju li huwa ragonevoli kien imessha lliberat lill-esponenti minn dina l-akkuza dedotta kontra tieghu;
>
> Illi l-Qorti tat hafna piz meta ddibattiet il-kredibilita, ghall-fatt illi A kienet taf dwar il-vettura, il-flat tal-esponenti u t-tattoo li kellu meta skont l-esponenti dawn kienu ltaqghu darba wahda biss f'post fejn kien hemm in-nies. Illi l-esponenti jispjega bid-dovut rispett li dina l-asserzjoni tal-Ewwel Qorti hija

ferm u ferm inkwetanti u dana peress li donnu li l-Qorti ma' fehmitx li l-appellanti u A ghamlu kwazi erba snin jiccetjaw flimkien permezz tal-MSM fuq il-compjuter. Fiha xi haga ta' barra minn hawn jekk jigi diskuss x'vettura kellu l-esponenti tul dawn l-erba [4] snin? Inoltre fuq is-site tieghu, l-esponenti kellu ritratti tieghu li juru t-tattoo li kellu; fiha allura xi haga ta' barra minn hawn li A kienet anke taf b'din? Illi pero l-aktar haga inkwetanti hija l-kwistjoni dwar il-flat. L-esponenti f'dawn ic-chats u anke lil B kien qalilhom dwar il-flat 'shell form' li kellu. Illi A mhux veru li ddeskriviet il-flat izda kull ma' qalet li kien fi stat 'shell'. Il-pulizija li riedu jaghmlu xogholhom sewwa kien imisshom talbu li almenu tindika it-triq u kif inhu imqassam strutturalment dan il-post, imbaghad wara l-pulizija tmur hi di persona [ezercizzju li ma' sarx] fl-appartament sabiex tikkonstata jekk kienitx qed tinghad il-verita! Minflok sar hekk, sempliciment ghaliex A qalet li l-flat kien f'shell form' allura dan ittiehed bhala argument li sahhah il-kredibilita ta' A stess. Illi dan huwa altru milli apprezzament ta' provi korrett meta wiehed jitkellem dwar habs effettiv fuq kwistjonijiet hekk sensittivi.

Illi inoltre fis-sentenza taghha, l-Ewwel Qorti ma' ssemmi xejn dwar il-kontenut tac-chats fuq l-MSM bejn i1-partijiet. Wiehed kwazi kwazi, minkejja l-enfazi li saret mid-difiza dwar dan i1-punt fit-trattazzjoni finali, jibda jiddubita jekk effetivament dawn inqrawx. Dan jinghad peress li kif inghad ma' ntqal xejn dwar dan it-punt, u inoltre l-qari akkurat ta' dawn c-chats jindika li verament li bejn il-partijiet kien isir diskors li jista jitqies bhala 'flirt' izda min imkien qatt ma' tirrizulta l-intimita li zewg persuni li jkun qed jaghmlu sess flimkien ikollhom . Illi l-esponenti jikkontendi li dan l-erercizzju approfondit huwa mehtieg sabiex tigi mwiezna sewwa l-verzjoni minnu moghtija;

Illi imbaghad hemm haga ohra li assolutament tirrendi dak li qalet A mhux kredibbli. Hija tghid li r-relazzjoni damet bejn 1-2004 u 1-2008 u li huma tul dawn l-erba snin kienu iltaqghu ghal xi ghaxar darbiet. Illi jekk wiehed jemmen din bid-dovut rispett allura jista jemmen li l-klieb ibidu l-bajd. Dan jinghad ghaliex allura dina r-relazzjoni kienet wahda kwazi kwazi virtwali. Mhux vero simili li frelazzjoni ta' erba snin tiltaqa biss ghal ghaxar darbiet. A tipprova ggieghel lilna nemnu dan in-numru ta' laqat sabiex tressaq il-bocca aktar lejn il-likk meta titkellem fuq l-abbuzi u xejn izjed. Illi l-verita hija li l-esponenti ghalkemm kien jiccetja maghha regolarment, in effetti kull ma' kien iltaqa maghha kien darba biss meta kien hemm dak il-party li ddeskriva huwa. Illi ghalhekk jidher ben car li meta l-fatti jigu ezaminati aktar bir-reqqa zgur li l-konkluzjoni li ghandna naslu ghaliha ghandha tkun li it-tieni [2] akkuza ma' ghandhiex tirrizulta u li l-esponenti ghandu jigi assolt minnha;

2] Illi lil hin mill-mertu anke a bazi legali l-appellanti qatt ma' seta jigi misjub hati ta'dina l-akkuza. Illi A tghid li r-relazzjoni taghhom bdiet fl-2004 u spiccat fis-sena 2008. Hija ma' tistabilixxi ebda xahar fis-sena 2008. Inoltre inizjalment dina l-investigazzjoni li bdiet dwar cyber crime kienet bdiet f'Gunju 2009. Issa hawn hekk it-termini huma importantissimi. Illi jinghad li f'dan il-

kaz ma' saret ebda kwerela kif titlob il-Ligi. Kull ma' ghandna huwa rapport li nkiteb minn l-Ispettur Graziella Muscat li zgur b'ebda tigbid ta' immaginazzjoni legali ma' jista jigi meqjus bhala kwerela b'dak li s-soltu jinftiehem bi kwerela li ssir minn avukat ghal parti biex jibdew il-proceduri;

**Issa l-artiklu 203 [3] jaghmilha cara li f'dan il-kaz ma' jistax ikun hemm prosekuzzjoni minghajr il-kwerela tal-vittma. Illi f'dan il-kaz ma' jezistix dak kontemplat fl-artikolu 203 [1] [a] [b) [c) u a"ura skont il-proviso, anke l-kwerela ghandha ssir sa zmien sena mill- fatt, haga li f'dan il-kaz zgur ma' saritx.**

Illi ghalhekk anke minhabba f'dan l-esponenti appellanti ghandu jigi lliberat mit-Tieni akkuza dedotta kontra tieghu;

3] Illi meta tigi biex titkellem dwar il-piena, l-esponenti jikkontendi li huwa ser jaghmel sottomissjoni daqs li kieku huwa gie lliberat ukoll mit-tieni akkuza peress li kemm legalment u kif ukoll fil-mertu jemmen li l-ewwel zewg aggravji ghandhom jigu milqugha. Illi jifdal l-akkuza taht l-artikolu 208 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi dina l-akkuza timporta piena ta' habs minn tmintax [18] il-xahar sa hames [5] snin prigunerija. Illi hawn issa wiehed irid iqis dak li xehed dwaru l-esponenti. Illi huwa mill-bidu nett qatt ma' cahad l-element materjali ta' dina l-akkuza. Kien propju huwa stess li ta' lill-pulizija l-pass words mehtiega sabiex huma setghu jaccedu ghall-files relattivi biex instab dan il-materjal.

Minghajr dawn il-passwords, il-pulizija ma' kienux jaslu biex jirrintraccaw dak li kellhom suspett fuqu. Illi mhux biss izda anke l-mod kif l-appellanti spjega li l-ewwel dina l-kwistjoni bdiet bhala xi haga konnessa max-xoghol tieghu [haga li kienet tkun defendibbli skont id-disposizzjonijiet relattivi izda 'l quddiem trasformat ruhha bhala gibda li ma' setghax irazzan facilment. Illi llum anzi zmien ilu biex jinghad hekk, l-esponenti hareg minn dan il-'vizzju' li kien sab ruhu fih. Illi apparti l-ko-operazzjoni mal-pulizija fuq dina l-akkuza, jinghad li l-esponenti huwa wkoll 'first time offender' u ghalhekk ma' hemm xejn xi jzomm lil dina l-Onor. Qorti li tikkonsidra piena ta' habs sospiz fic-cirkostanzi. Inoltre l-esponenti huwa okkorran ta' diversi sentenzi fejn fuq kwistjonijiet bhal dawn meta trattat ma' persuna b'kondotta nadifa l-Qrati taghna kkundannaw habs sospiz;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appellant qieghed jintenta jimpunja id-decizjoni tal-Ewwel Qorti limitatament fejn din sabet il-htija ghar-reat tal-korruzzjoni tal-minuri billi jishaq illi l-allegati inkontri ta' natura sesswali bejnu u bejn il-minuri A ma sehhewx u li dak irrakontat mill-minuri kien biss frott ta' komplott jew konfoffa bejnha u bejn l-ex-siehba tieghu certu B bhala forma ta' tpattija meta huwa kiser il-kuntatt maghhom.

L-appellant imbaghad jishaq illi gjaldarba l-atti inkriminatorji allegatament jirrisalu ghas-snin bejn l-2004 u l-2008 u l-proceduri penali odjerni imbdew biss fl-2009, allura it-terminu statutorju ta' sena sabiex issir il-kwerela mill-parti leza, fit-termini ta'l-artikolu 203(3) tal-Kodici Kriminali, kien lahaq iddekorra.

Illi allura qabel ma tinoltra ruhha fil-gravam marbut mal-apprezzament tal-provi, hija il-fehma tal-Qorti illi ghandu jigi mistharreg l-aggravju legali marbut mal-kwerela mehtiega sabiex jiskattaw l-proceduri penali fl-offiza tal-korruzzjoni tal-minorenni.

Illi l-appellant qieghed jorbot din il-lanjanza ma' dak imfassal fl-artikolu 203(3) tal-Kodici Kriminali li jiddisponi hekk:

> **"…. jekk id-delitt ma jkunx akkumpanjat minn waħda miċ-ċirkostanzi ta' fatt jew ta' persuna msemmijin fis-subartikolu (1)(a), (b) u (ċ), il-kwerela ma tkunx iżjed ammissibbli wara sena minn dakinhar li jkun sar il-fatt jew li tkun saret taf bih il-persuna li jkollha jedd tagħmel il-kwerela minflok il-parti offiża."**

Issa l-ahhar vjolazzjoni ta' dritt konsistenti fil-korruzzjoni tal-minuri, allegatament sehh fis-sena 2007 u dan kif johrog mill-akkuza. Ic-citazzjoni gietipprezentata fil-31 ta' Lulju 2009. L-investigazzjoni tal-pulizija imbaghad, inbdiet f'Gunju tas-sena 2009 meta instab xi materjal indicenti u ta' natura pornografika relatat ma' minuri fuq il-kompjuter tal-appellant li dak iz-zmien kien jaqdi d-dmirijiet ta' pulizija bin-numru PC1041, assenjat xoghol gewwa id-Dipartiment tal-Informatika fi hdan il-korp tal-

pulizija. Fil-kors ta' din l-investigazzjoni u cioe' ghal habta ta' Lulju tal-istess sena, instab materjal iehor konsistenti f'*chat logs* li jixhdu konversazzjonijiet li l-imputat kellu ma' minuri u cioe' mal-parti leza A[1]. Ghalhekk l-pulizija kellmu lill-istess A fejn din stqarret li kellha hbiberija intima mal-appellant minn mindu kellha erbatax-il sena 'il quddiem. Illi dan tikkonfermah fix-xiehda li taghti quddiem il-Qorti u cioe' illi kellha rapporti intimi ta' natura sesswali mal-appellant fil-karozza tieghu gewwa Had Dingli f'iktar minn okkazzjoni wahda u anke fl-appartament tal-istess appellant.

Illi allura minn dawn il-fatti probatorji kif ukoll minn ezami tal-atti tal-kaz jirrizulta illi qatt ma saret kwerela formali mill-parti leza jew il-genituri taghha sabiex jinghataw bidu dawn il-proceduri penali fil-konfront ta'l-appellant u dan limitatament fir-rigward tal-akkuzi marbuta mal-offiza tal-korruzzjoni tal-minuri. Il-parti leza A madanakollu ittenni r-rieda taghha kemm verbalment meta tigi mitkellma mill-pulizija kif ukoll fix-xiehda taghha fil-qorti illi dawn il-proceduri kriminali kontra l-appellant jitkomplew.

Illi allura ghalkemm huwa minnu dak li jikkontendi l-appellant illi l-kwerela ma saritx fiz-zmien sena indikat fl-artikolu 203(3) hawn fuq iccitat, madanakollu il-fattispecje partikolari ta' dan il-kaz kienu tali li taw is-setgha lill-Pulizija Ezekuttiva li tipprosegwixxi il-kaz *ex officio* u dan ghas-segwenti motivi.

Ibda biex huwa fatt mhux ikkontestat illi l-appellant fiz-zmien li allegatament sehhew r-reati lilu addebitati kien membru fil-korp tal-pulizija bin-numru 1041, tant illi huwa gie akkuzat ukoll bil-ksur tal-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali. Illi fil-kors tal-qadi ta' dmirijietu u billi huwa kien gie moghti il-jedd jaghmel uzu mill-apparat tal-informatika fi hdan il-korp tal-pulizija, beda minn jeddu u minghajr awtorizazzjoni mis-superjuri tieghu jaghmel ricerka, kif ighid hu stess *ex admissis*, dwar siti fuq l-*internet* marbuta mal-pornografija tat-tfal. Minn hawn huwa ighid li gie imhajjar ikompli jaghmel tfittxija fuq dawn is-siti anke meta kien fil-privat fid-dar tieghu. Mill-kompjuter tieghu fil-fatt jigu elevati ic-*chats* li kien ikollu mal-minuri A u kif inghad

[1] Ara xiehda ta'l-Ispettur Graziella Muscat tas-06 ta' Awwissu 2009 fol.40, 41 tal-process

minn hawn irrizultaw fatti ohra li wasslu lill-prosekuzzjoni tixlieh ukoll bir-reat tal-korruzzjoni tat-tfal taht l-eta'.

Illi huwa indubbitat illi f'din ir-retroxxena isib l-applikazzjoni dak dispost fl-artikolu 543(d) tal-Kodici Kriminali:

> **"Il-pulizija tista' taġixxi, ukoll mingħajr il-kwerela privata, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:**
>
> **"(d) fil-każ ta' kull reat li jinteressa l-ordni pubbliku jew il-komunità in ġenerali".**

> **"Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-frasjoloġija kjarament tindika li l-pulizija tista' taġixxi anke f'każ ta' reat li forsi mhuwiex min-natura tiegħu stess "ta' ordni pubbliku" iżda li b'xi mod jeffettwa jew jimpinġi fuq it-trankwillita` jew serħan tal-moħħ tal-pubbliku. ....**
>
> **Dwar x'inhu l-"ordni pubbliku" l-Galgano jgħid: "Nel suo insieme la formola legislativa esprime una esigenza di difesa dei valori fondamentali della societa`: di difesa sia dei valori di natura collettiva, che attengono cioe` alla pacifica e civile convivenza fra gli uomini e al loro progresso economico e sociale, sia di valori di natura individuale, relativi alla liberta`, alla dignita`, alla sicurezza dei singoli."**
>
> **..... fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et intqal: "Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato"[2]**

Maghmula dawn il-konsiderazzjoni ta' dritt, allura, ghandu ikun indubitat illi meta ufficjal tal-pulizija jaghzel li jagixxi b'tali mod li iwassal ghal vjolazzjoni tant serja bhalma hi dik tal-korruzzjoni ta' tfal taht l-eta' u dan ghalhekk b'periklu manifest ghall-inkolumita ta' dawk il-persuni li jenhtiegu protezzjoni ikbar fi hdan is-socjeta billi jitqiesu vulnerabbli, allura jirrikorru c-cirkostanzi ravvizati fl-artikolu 543(d) tal-

[2] Ir-Repubblika ta' Malta vs Marco Pace deciza App.Sup 03/10/2013

Kodici Kriminali sabiex b'hekk irrispettivament minn jekk l-azzjoni penali tkunx tenhtieg l-kwerela ta'l-parti leza sabiex titmexxa 'il quddiem, **l-Pulizija hija fid-dmir** li tmexxi il-prosekuzzjoni tal-kaz *ex officio.*

Mhux biss, izda ghalkemm id-disposizzjonijiet tal-Kodici Kriminali li jirregolaw ir-reati li jaffettwaw id-dinjita' tal-persuni fosthom allura d-delitti sesswali, gew estensivament emendati tul iz-zmien u anke recentement permezz ta'l-Att XIII tal-2018, madanakollu fiz-zmien li gie kommess ir-reat u fiz-zmien li inghatat s-sentenza mill-Ewwel Qorti, kien ghadu vigenti l-proviso ghall-artikolu 544 tal-Kodici Kriminali fejn allura meta r-reati imsemmija fl-istess Artikolu jsiru f' post pubbliku jew post espost ghall-pubbliku, allura dawk ir-reati jsiru prosegwibbli "*ex officio*".

Illi ghalkemm kif inghad dan id-dispost tal-ligi illum gie revokat, madanakollu kif gie deciz minn din il-Qorti, fl-appell fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Victor Mifsud'[3]:

> **"Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna , meta l-istess fatt li jaghti lok ghall-stupru, l-attentat vjolent ghall-pudur jew il-korruzzjoni tal-minorenni isir f'post pubbliku jew espost ghall-publiku, b'mod ghalhekk li jikkonfigura wkoll ir-reat taht l-artikolu 209, l-azzjoni ghal dawk ir-reati ma tirrikjedix il-kwerela tal-parti privata u l-parti privata konsegwentement anqas ma tista' bir-recess taghha twaqqa' dik l-azzjoni . U r-raguni hi ghax dawk ir-reati jkunu saru "flimkien ma reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku" fit-termini tal-proviso tal-artikolu 544" (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Gregory sive Godwin A" [19.2.1997] .Umbaghad dwar Il-punt jekk l-artikolu 209 hux reat li jolqot l-ordni pubbliku imma biss il-morali pubblika u ghalhekk ma jissodisfax ir-rekwizit tal-proviso tal-artikolu 544, dan gie ukoll trattat fil-gurisprudenza fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. George Zarb" fejn gie ritenut li :- "Ir-reat kontemplat fl-artikolu 209 ma jehtieg ebda kwerela ghax hawn, bhal fil-kaz ta' arrest illegali, si tratta ta' reat li jolqot jew jinteressa l-ordni pubbliku."**
>
> **Illi umbaghad din il-Qorti diversament preseduta rriteniet li "r-reat ta' istanza privata huwa "akkompanjat" minn iehor ta' azzjoni pubblika meta jew iz-zewg reati jkunu konkorrenti, billi wiehed ikun serva ta' mezz ghall-iehor jew il-fatt kriminuz ikun jivvjola "unico contextu" zewg dispozizzjonijiet tal-ligi kriminali , b'mod li jitnisslu minnu zewg titoli ta' reati" (ara. "Il-Pulizija vs. Karmenu Cassar "[21.4.1945] (Kollez. XXXII. iv. p.895, per Harding J,). Inoltre ma hemmx bzonn li r-reat li jkun jolqot l-ordni pubbliku ikun inkluz fost l-akkuzi dedotti kontra l-akkuzat kif johrog mis-sentenza ta' din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Gregory sive**

[3] JGD appell numru 240/2003 deciza 6 ta' Mejju 2004

**Godwin A" fuq citata, ghaliex ir-reat kontemplat fl-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali jikkonfigura indipendentement mill-fatt li l-appellant ma jkunx gie akkuzat bih. Hawn il-ligi tirrikjedi biss li r-reat ikun sar flimkien ma reat li jolqot l-ordni pubbliku u mhux li l-akkuzat ikun gie ukoll akkuzat b' tali reat li jolqot l-ordni pubbliku . Fid-dawl ta' dan kollu huwa ovvju li r-reat ta' attentat vjolent ghall-pudur li tieghu nstab hati l-appellant kien akkompanjat minn reat li jolqot l-ordni pubbliku w cioe' r-reat kontemplat fl-artikolu 209. Ghalhekk l-azzjoni kriminali ma kienetx tiddependi fuq il-kwerela tal-parti offiza w setghet tingieb il-quddiem mill-Pulizija "ex officio"."**

Illi allura ghalkemm kif inghad din id-disposizzjoni tal-ligi tnehhiet madanakollu xortawahda l-istess hsieb huwa enkapsulat fl-artikolu 543(d) hawn fuq iccitat, oltre ghal fatt illi l-appellant gie akkuzat u misjub hati tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 209 tal-Kodici Kriminali, billi r-reat allegatament sehh f'post pubbliku, liema disposizzjoni tal-ligi fil-fatt twassal ghan-nuqqas ta' htiega tal-kwerela sabiex issehh il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz.

Fid-dawl ta' dawn il-motivi ghalhekk dan l-aggravvju qed jigi michud sabiex b'hekk din il-Qorti issa tista' tghaddi biex tqies l-aggravvju imqanqal mill-appellant marbut mal-mertu u dan limitatament ghas-sejbien ta' htija ghall-akkuza ikkontemplata fl-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat,

Illi ghalkemm huwa minnu kif jirrizulta mill-atti tal-kawza illi l-kuntatt bejn l-appellant u l-minuri kien wiehed volontarju, madanakollu ma hux ikkontestat illi fiz-zmien li kien hemm din il-hbiberija l-parti leza kienet tifla minuri ta' erbatax-il sena u l-appellant kien membru fil-korp tal-pulizija. Illi mill-fatti ta' dan il-kaz jirrizulta illi mhux biss l-vittma ta' dan ir-reat ma kenitx korrotta, izda li minghajr ebda ombra ta' dubbju kien l-imputat, illum appellant, illi tefaghha fit-triq tal-korruzzjoni. Dan jirrizulta mis-segwenti:

1. Il-minuri kellha erbatax-il sena. L-appellant kien ben konxju ta' dan il-fatt tant illi mic-*chat logs* esebiti in atti jirrizultaw konversazzjonijiet bejniethom fejn tissemma l-iskola u l-ezamijiet li l-minuri kienet qed taghmel f'dak iz-zmien.

2. L-akkuzat kien membru tal-korp tal-pulizija li ghal zmien twil ghogbu izomm kuntatt ma' minuri ta' erbatax-il sena. Dan ukoll jirrizulta mic-*chat logs*. Minn dawn il-konversazzjonijiet jirrizulta ukoll li kien jintuza lingwagg li ma huwiex wiehed idonju ghal diskors bejn bniedem adult u minuri, lingwagg li kultant kellu ukoll konotazzjonijiet ta' natura sesswali.

3. Ma'l-ewwel inkontru l-appellant jiehu lill-minuri f'post imwarrab gewwa Had Dingli bil-ghan illi ikun hemm intimita' sesswali bejniethom. Dan isehh f'iktar minn okkazzjoni wahda. Kien jaf illi din kienet l-ewwel esperjenza sesswali tal-minuri, tant illi l-minuri tirrakonta li bdiet twegga' u reditu jieqaf.

4. L-appellant ikollu inkontri intimi mal-minuri anke f'post iehor u cioe' f'appartament proprjeta tieghu li kien ghadu fi stat ta' kostruzzjoni.

5. L-appellant iheggeg lill-minuri tibaghtlu ritratti espliciti li juru l-partijiet intimi taghha u fil-fatt din hekk taghmel. Il-minuri tikkontendi ukoll li kien hemm okkazzjoni fejn sahansitra kien l-appellant li hadilha ritratt gharwiena meta kienu fil-vettura tieghu.

Illi dan huwa kaz klassiku fejn l-akkuzat kellu l-intenzjoni kriminuza mill-mument illi iltaqa' mal-parti leza u xjentement hajjar persuna taht l-eta ikollha rapporti sesswali mieghu meta kien konxju illi din il-minuri ma kellhiex konoxxenza shiha ta' dak li kien jinvolvi l-att sesswali. Certament allura li l-appellant approfitta ruhu mill-vulnerabbilita' ta' persuna fl-adoloxxenza li tithajjar tesperimenta bl-intimita' sesswali taghha billi din tkun dinja gdida ghaliha li toffri certu attrazzjoni.

Issa l-appellant ghalkemm ma jistax jichad dak li jirrizulta mic-*chat logs* esebiti in atti u li nstabu fil-pussess tieghu, madanakollu jichad illi qatt kien hemm inkontru ta' natura sesswali mal-minuri u jinsisti illi huwa iltaqa' maghha darba wahda biss gewwa *party* meta kien biss kellimha ghal xi hin. Illi din il-Qorti ma tistax taghti affidabbilita' lil dak li jikkontendi l-appellant. Ibda biex, kif diga inghad mic-*chat logs* li hemm esebiti in atti jidher illi bejn l-appellant u l-minuri kien hemm certu kunfidenza tant illi anke id-diskors u il-lingwagg li jintuza mhuwiex wiehed mistenni bejn adult, li *del resto* huwa ukoll  pulizija, u minuri. Hemm diskors intimu u anke

stedin f'iktar minn okkazzjoni wahda biex jiltaqghu u biex ikun hemm certu kunfidenzi bejniethom. Jindirizza lill-minuri b'termini ta' affezzjoni bhal 'qalbi' u 'pupa' u kliem iehor mhux xieraq. Mhux biss izda fix-xiehda taghha l-minuri taghti dettalji cari kemm tal-vettura tal-appellant, kif ukoll tal-appartament fejn sehhew l-inkontri bejniethom. Anke taghti deskrizzjoni ta' *tattoe* li kellu l-appellant.

Issa l-appellant jipprova igieghel lil din il-Qorti, kif ghamel mal-Ewwel Qorti qabilha, temmen illi l-minuri kienet kisbet din l-informazzjoni minn ghejun iehor u cioe' minn ghand certu B li kienet it-tfajla tal-appellant f'dak iz-zmien. Jipprova igieghel lil din il-Qorti temmen illi dawn iz-zewg tfajliet zmien wara li sehhew dawn il-fatti inkriminatorji kienu ghamlu kongura bejniethom sabiex jaghmlulu l-hsara.

Illi din il-Qorti mal-ewwel tistqarr illi dawn l-allegazzjonijiet huma ghal kwantu fiergha mhux biss ghaliex mix-xhieda ta' B u anke mic-*chat logs* esebiti jidher li dawn iz-zewg tfajliet tkellmu darba wahda biss dwar dak li kien sehh bejn l-appellant u l-minuri, izda ukoll ghaliex l-ebda wahda minnhom ma hasset il-htiega li taghmel rapport lill-pulizija kontra l-appellant. Li kieku kien minnu illi l-minuri u B ivvintaw din l-istorja bhala tpattija, certament ma kenux ikunu l-pulizija li jaghmlu kuntatt maghhom zmien wara, izda kienu jaghmlu r-rapport huma stess.

Afferati dawn il-fatti probatorji, din il-Qorti ma tara illi hemm ebda raguni li tista' twassalha titbieghed mill-fehma milhuqa mill-Ewwel Qorti li ghamlet mhux biss esposizzjoni tad-dritt guridikament valida izda ukoll ghamlet apprezzament approffondit tal-provi li kellha quddiemha, li din il-Qorti tara li ma ghandhiex tiddisturba u dan anke fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula.

Ma hemmx dubbju f'dawn it-tip ta' kawzi illi l-komportament tax-xhieda hu ukoll fatt importanti ta' kredibbilita':

> **"u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi 'great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination.'[4]"**

[4] Ibid

Issa ghalkemm l-Ewwel Qorti kienet diversament ippresjeduta meta instemghet ix-xiehda tal-minuri, madanakollu din kienet tinsab irregistrata u inserita fil-process tant illi l-Ewwel Qorti tindika fid-decizjoni taghha li hadet konjizzjoni tal-istess. Mhux biss izda l-Ewwel Qorti kif ippresjeduta mill-gudikant li wasal ghal gudizzju finali kellha ix-xorti tara u tisma' lill-appellant jiddeponi quddiemha u allura setghet *ictu oculi* tosserva il-komportament tieghu fuq il-pedana tax-xhieda.

Illi ghalhekk maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet l-ewwel aggravju qed jigi michud.

Illi l-appellanti iressaq ukoll impunjattiva marbuta mal-piena inflitta fuqu, izda biss fl-eventwalita illi din il-Qorti tasal sabiex tilliberah mill-akkuza marbuta mar-reat tal-korruzzjoni tal-minuri. Illi gjaldarba allura id-decizjoni impunjata ser tigi ikkonfermata f'dan ir-rigward din il-Qorti tqies illi ma ghandux ikun hemm varjazzjoni fil-piena inflitta. Mhux biss ghaliex din tinsab fil-parametri indikati fil-ligi fiz-zmien li gie kmmess ir-reat, izda ukoll ghaliex f'dan il-kaz ghandu japplika l-aggravanti mahsub fl-artikolu 141 tal-Kodici Kriminali tenut kont illi l-appellant kien membru fil-korp tal-pulizija fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reat.

> **Hu pero' ugwalment veru dak li inghad ghap-propositu tal-kwistjoni tal-piena fil-Criminal Law Review, July 1961, p.482 –**
>
> **'The objects of which Judges commonly and properly have in mind, when imposing sentence, include not only the punishment and reformation of the offender, but also, and perhaps predominantly, the protection of the public.'**
>
> **Mr. Justice Birkett, f'konferenza li hu ta taht l-awspicji tal-Clarke Hall Society, - li hi socjeta intiza ghat-trattament riformatiku tal-hati – intitolata 'Criminal Justice Problems and Punishment' qal hekk –**
>
> **'The Court's primary consideration must be the welfare of the community. To fail to be severe in certain cases is to do wrong to the community and to injure its interests.'"**
>
> **Dan hu iktar il-kaz meta' skont Leo Page ga citat ikun kaz ta' reat 'so hurtful to the public' li l-Qorti ghandha thares maggjorment lejn id-dover taghha 'to**

**protect the community' (p.9) – u ma jistax ikun hemm dubbju li x-xorta ta' reat prezenti[5] hi ta' pjaga mill-iktar horox.[6]"**

Illi din il-fehma abbilment u superjorment imfissra sahansitra hafna snin ilu ghada issib applikazzjoni fil-gurnata ta' llum u certament ghal kaz in dizamina. Maggjorment illum fejn l-abbuz sesswali fuq tfal minuri qieghed kull ma jmur jizdied, iktar u iktar bil-migja ta' l-avvanzi fit-teknologija u l-informatika, u tenut kont ukoll tal-fatt illi hafna minn din ix-xorta ta' reati jibqghu ma jigux rapportati lill-pulizija, illi din il-Qorti ghandha thares milli offizi ta' din ix-xorta ma jimmultiplikawx u iktar u iktar li ma jigux kommessi minn dawk in-nies fl-awtorita' li ghandhom id-dmir iharsu lin-nies vulnerabbli milli jkunu vittmi ta' dawn it-tip ta' reati.

Maghdud dan allura il-Qorti tqies illi l-piena inflitta fuq l-appellant kienet wahda gusta u fil-parametri tal-ligi u ghalhekk anke dan l-aggravvju qed jigi michud.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u d-decizjoni appellata ikkonfermata fl-intier taghha.

Edwina Grima

Imhallef

---

[5] Il-kaz kien jitratta fost akkuzi ohra il-korruzzjoni ta' minorreni)

[6] Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino hawn fuq iccitat